GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

# ĊIRKOLARI

Referenza: DG DES 01/2026

Mingħand: Ritianne Borg Saliba, Direttur Ġenerali, Direttorat għal Servizzi Edukattivi

Lil: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali / Uffiċjal Ewlieni tal-Informazzjoni
Diretturi / Assistenti Diretturi /Kapijiet
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (Statali, tal-Knisja u Indipendenti)
Uffiċjali Edukattivi / Kapijiet tad-Dipartiment
Ħaddiema (MEYR)

Suġġett: Dħul fl-Iskola tal-MVPA 2026/27

Data: 12 ta' Jannar 2026

---

Għeżież ġenituri/kustodji legali,

L-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva ser tilqa' applikazzjonijiet minn studenti li mis-sena skolastika li jmiss jixtiequ jkomplu l-istudji akkademiċi tagħhom, kif ukoll jitħarrġu, fl-arti viżwali jew performattiva li jeċċellaw fiha.

Din l-iskola tilqa' fi ħdanha studenti minn Malta u Għawdex li **twieldu fl-2015**, li se jtemmu b'suċċess **is-sitt sena tagħhom fl-Iskola Primarja** u li huma meqjusa b'talent prominenti fl-arti viżwali u performattiva. Dawn l-istudenti huma eliġibbli biex japplikaw għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva.

Ser issir laqgħa onlajn għall **KULL** Arti Viżwali u Performattiva għall-ġenituri/kustodji legali permezz ta' **MS Teams** skont kif jidher hawn taħt:

| Data | Ħin | Arti Viżwali u Performattiva | Link għal-laqgħa |
|---|---|---|---|
| 20 ta' Jannar 2026 | 09:00 – 10:00 | Drama | Agħfas hawn |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 20 ta' Jannar 2026 | 10:30 – 11:30 | Żfin | Agħfas hawn |
| 27 ta' Jannar 2026 | 09:00 – 10:00 | Mużika | Agħfas hawn |
| 30 ta' Jannar 2026 | 09:00 – 10:00 | Midja | Agħfas hawn |
| 30 ta' Jannar 2026 | 10:30 – 11:30 | Arti | Agħfas hawn |

Dakinhar ser tingħata informazzjoni dettaljata dwar il-proċess tal-għażla u r-rekwiżiti għad-dħul fl-Iskola Nazzjonali tal-Arti Viżwali u Performattiva. Aktar informazzjoni hi aċċessibbli fuq il-websajt https://mvpa.skola.edu.mt

**L-applikazzjonijiet se jiftħu nhar it-Tnejn, 23 ta' Frar 2026**; se jkunu aċċessibbli u jistgħu jitniżżlu minn fuq il-websajt www.education.gov.mt

**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu 2026.**

**Għal aktar tagħrif ċemplu fuq 25986039.**

**Ritianne Borg Saliba**
**Direttur Ġenerali**
**Dipartiment għal Servizzi Edukattivi**